**193. L-Onor. Godfrey Farrugia, jipproponi:**

Illi l-Ministru Konrad Mizzi, instab permezz ta' rapporti tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u l-investigazzjoni ġurnalistika magħrufa bħala Panama Papers, li kellu mwaqqaf taħt kontroll u potenzjalment a benefiċċju aħħari tiegħu u ta' madwaru *trust* fi New Zealand li kienet tikkontrolla kumpanija Panamena Hearnville Inc.;

Illi l-Ministru Konrad Mizzi kkonferma l-eżistenza ta' din l-istruttura finanzjarja sigrieta hu stess;

Illi ġie stabbilit li din l-istruttura finanzjarja sigrieta twaqqfet waqt li dan il-Ministru kien politikament responsabbli mill-enerġija u speċifikament mill-proġett tal-*power station* ġdida tal-gass ġo Delimara;

Illi korrispondenza ppubblikata mill-konsorzju ġurnalistiku Daphne Project turi kif f'dikjarazzjonijiet magħmula f'isem il-Ministru Konrad Mizzi, il-kumpanija reġistrata Dubai bl-isem ta' 17 Black Limited ġiet identifikata bħala '*target client*' ta' Hearnville Inc., flimkien ma' kumpanija oħra reġistrata Dubai, Macbridge Limited;

Illi l-istess konsorzju ġurnalistiku Daphne Project identifika l-kumpanija 17 Black Limited bħala proprjetà ta' Yorgen Fenech, CEO tal-grupp imprenditorjali Tumas Group, liema grupp imprenditorjali hu membru tal-konsorzju Electrogas, li ngħata l-appalt sabiex jibni u jopera s-sit tal-*power station* tal-gass il-ġdida ta' Delimara għal 18-il sena;

Illi għalhekk iqumu dubji kbar dwar kemm in-negozjati tal-kuntratt għall-bini u l-operat tal-*power station* tal-gass ta' Delimara saru b'mod ħieles, trasparenti u skont il-liġi u hemm dubji kbar ta' korruzzjoni f'dan il-proġett u ħasil ta' flus;

Illi ġie kkonfermat li hemm investigazzjonijiet taħt il-Kodiċi Kriminali, inkluż investigazzjoni maġisterjali, dwar il-fatti ta' 17 Black;

Illi l-aġir tal-Ministru Konrad Mizzi hu skorrett;

Illi bl-aġir tiegħu, il-Ministru Konrad Mizzi żeblaħ isem il-pajjiż, saħansitra bħala ġurisdizzjoni rispettata li tipprovdi servizzi finanzjarja ta' livell għoli;

Illi huwa fl-interess nazzjonali li kull Ministru jkun ta' eżempju għall-poplu li jservi u jerfa' responsabbiltà ta' għemilu;

Għaldaqstant din il-Kamra tirrisolvi li m'għandhiex fiduċja fil-Ministru Konrad Mizzi;

Tirrisolvi li din id-deċiżjoni tkun komunikata lill-President ta' Malta.

23.11.2018